# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 320– Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016

## AĠENDA
1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Mozzjonijiet
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻAT
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva komunikat mingħand il-kunsillier Clayton Cutajar li kien ma jiflaħx.

Is-Sindku ippropona li għandu jitqies bħala assent skużat. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 319 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### 2.1 Bini ta' Rziezet tal-baqar f'San Niklaw

Is-Sindku qal li l-appell beda jinstema' fit-18 ta' Mejju. Sa dakinhar kemm il-Gvern kif ukoll il-PA kienu għadhom ma daħħlux ir-risposta. Issa se ssir seduta oħra fil-viċin.

### 2.2 Trejqet l-Anġli

Is-Sindku qal li din daħħlet fis-seħħ, madankollu se jkollna nbiddluha. Dan minħabba li dawk li għandhom il-garaxxijiet fl-imsemmija triq, bl-arranġamenti ġodda qed isibuha diffiċli biex jitraslokaw il-vetturi tagħhom. Huma qed jipproponu li tinqaleb id-direzzjoni tal-*one* way, u barra minn hekk min ikun ġej minn Triq Salvu Curso ma jkunx jista' jagħmel *right turn* biex joħroġ 'il barra fid-direzzjoni lejn Ħaż-Żebbuġ.

Is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu din it-talba lil TM. IL-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.3 Triq Mons.Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li s-sur Mario Buttigieg li huwa espert tal-Qorti kien qed jgħid li preżentament m'għandux ħin biex jagħmel ir-rapport mitlub minnu.

Fil-frattemp, TM qed tgħid li:-

(i) l-ispeed cameras hija responsabbiltà tal-LESA,
(ii) rigward ir-roundabout, it-tweġiba hija fin-negattiv għaliex qed jinsistu li m'hemmx ħtieġa tagħha,
(iii) approvaw li Triq Kircher issir one-way,
(iv) rigward il-crash barriers fil-kantunieri qed jgħidu li l-bankini mhumiex wesgħin biżżejjed u aċċettaw dik biss ta' quddiem Dar iż-Żerniq,
(v) approvaw il-pedestrian crossing imma kif jaf il-Kunsill rigward an hemm problema kbira dwar il-pożizzjoni tagħha,
(vi) approvaw it-talba dwar Wesgħat il-Palazz u qed jirrakomandaw li fil-parti tat-triq tinbena kurduna,
(vii) approvaw il-continous *white line.*

Is-Sindku ippropona li wara l-festa jiġu implimentati dawk li ġew approvati. Il-kunsillier Julian Borg filwaqt li issekonda qal li rigward it-talba għar-roundabout terġa' ssir it-talba ma' TM u l-Perit tal-Kunsill jibgħatilhom rapport dwar kif din se tgħin fl-immaniġġjar tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.4 Rubber humps fi Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Sindku qal li li jekk TM jibqgħu iwieġbu fin-negattiv, nipproponulhom li bħala alternattiva naqilgħu dawk li hemm u ngħolluhom aktar 'il fuq.

**2.5 Triq il-Mitħna**

Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fl-imsemmija triq tlestew. Hu esprima s-sodisfazzjoni tiegħu li dawn tlestew ġimgħa il-perjodu previst.

**2.6 Irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku ippropona li f'dan l-istadju jinbeda l-proċess ta' ħatra ta' segretarju eżekuttiv ġdid billi ssir is-sejħa pubblika. Is-Sindku kompla jgħid li fil-frattemp talab lis-sur Nikol Baldacchino li fiċ-ċirkostanzi preżenti jibqa' jservi ta' Segretarju Eżekuttiv u għalkemm qiegħed bil-*leave* jidħol meta jkun hemm il-ħtieġa.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapport Finanzjarju 2015**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tat-tweġiba tal-Kunsill għall-managment letter. Wara diskussjoni dwarha, is-Sindku ippropona li għandha tintbagħat lill-Awditur Ġenerali hekk kif miktuba. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 Festa San Nikola 2016

Is-Sindku qal li ftit li xejn hemm differenza mis-sena li għaddiet u mis-servizzi offruti s-sena l-oħra, bħalma huwa dak tal-indafa, eċċ., jibqgħu jgħoddu.

Madankollu, huwa kompla jgħid li ta struzzjonijiet li għalissa ma joħroġ l-ebda permess jew "no objection", għajr dak tan-nar. Fil-maġġoranza kbira tal-affarijiet m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' għaliex huma bħas-snin ta' qabel.

**Talba mis-Siġġiewi Festival Brass Band**

Is-Sindku qal li hemm talba mis-Siggiewi Festival Brass Band dwar xi armar ġdid. Dan jinvolvi kolonna li se tissejjaħ "Citta' Ferdinand". Is-Sindku kompla jgħid li kien irċieva ittra mingħand is-sur Eusebio Buhagiar biex il-kunsill jagħti joħroġ

permess għal din il-kolonna. Din l-ittra kienet tinkludi l-pjanti u d-disinji tagħha. Hu talab biex tintrama' faċċata tal-Każin tiegħu, eżatt taħt iz-zuntier tal-Knisja.

Is-Sindku qal li hu kien pront kitiblu fejn talbu jagħti lill-Kunsill il-pożiżżjoni eżatt fejn se tintrama', kif ukoll id-daqs u l-għoli tagħha biex inkunu nistgħu niddeċiedu jekk hemmx spazju jew le.Is-sur Buhagiar bagħat it-tweġiba bid-dettalji mitluba. Il-wisa' tagħha huwa ta' 3.3 metri, il-fond 1.9 metri u l-għoli huwa ta' 5.1 metri.

Is-Sindku qal li fil-post fejn qed issir it-talba diġa' hemm antalojola tal-Grupp tal-Armar u dan jista' joħloq kunflitt. Barra minnhekk, hemm il-kwistjoni tal-mejda tal-qubbajt li biex tneħħih jew iċċaqalqu bil-liġi trid tavżah tliet xhur qabel.

Huwa qal ukoll li saru diversi tentattivi u diskussjonijiet informali għal soluzzjonijiet diversi, madankollu ma kien intlaħaq l-ebda kompromess bejn il-partijiet involuti.

Il-kunsillieri Julian Borg qal lli minħabba li hu bħala perit jagħmel id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-armar tas-Siggiewi Festival Band, u billi wkoll f'Isem il-Festival Brass Banda forna lill-Kunsill bid-dettalji tekniċi tal-imsemmija kolonna, kien qed jiddikjara kunflitt ta' interess u għalhekk irtira mill-kamra.

Is-Sindku qal li minħabba kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa, hu kien qed jipproponi li l-Kunsill jirriżolvi li jikteb lill-Brass Band u jgħid li l-Kunsill ikkunsidra t-talba tas-Soċjetà u jinnota li:-

(i) ifl-istess post li qed jiġi propost li titpoġġa l-kolonna huwa l-istess post fejn hemm antarjola tal-Grupp tal-Armar u li ilha tintrema' għal numru ta' snin;

(ii) f'każ li l-kolonna tintrema' aktar 'l isfel minn fejn qed jiġi propost, din se tkun ta' ostaklu u periklu għat-traffiku,

(iii) fi kwalunkwe każ il-post fejn qed jiġi propost huwa l-istess post fejn matul il-jum tal-Festa teżista posta fejn bejjigħ tal-qubbajt jarma l-bankarella tiegħu u li dan ilu jsir għal numru ta' snin u dejjem skont kif tipprovid l-liġi.

Għaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħti n-*no objection* tiegħu għat-talba li sfortunatament saret inqas minn sitt ġimgħat qabel il-festa. Madankollu l-Kunsill jibqa' fi kwalunkwe ħin dispost illi jikkunsidra li jkun ta' għajnuna għal prposta oħra biex il-kolonna tkun tista' tiġi armata matul il-jiem tal-festa.

Il-kunsillier Dominic Grech saħaq li talba bħalma saret mill-Brass Band imissha saret ħafna aktar qabel biex tkun tista' tiġi diskussa b'anqas pressjoni. Hija sfortuna wkoll li hemm element ta' antagoniżmu bejn l-Għaqda tal-Armar u l-Brass Band. Hu esprima li din il-proposta tal-Festival Brass Band hija

irresponsabbli.

Is-Sindku qal li dak li qed jipproponi hu li filwaqt li mhux qed tingħata n-*no objection,* qed tħalli bieb miftħuħ biex tinstab soluzzjoni.

Il-Viċi Sindku issekondat il-kontenut tal-ittra li għandha tintbagħat lis-Siggiewi Festival Brass Band, u l-Kunsill irriżolva b'5 voti favur.

Il-Kunsillier Julian Borg reġa' ħa postu fis-sala.

# 5 KUNTRATTI

## 5.1 LCS 18/14Resurfacing of Roads

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt dwar Resurfacing of Roads ma' Philip Agius & Sons Lt.d, għalqet is-sena tiegħu fid-29 ta' Frar 2016.

Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.2 LCS 10/14 Cleaning Non Urban

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt tal-Cleaning of Non Urban mas-sur Mario Mizzi skadiet l-ewwel sena tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2015.

Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.3 Third Party Insurance LCS 30/15 (Kwotazzjoni)

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-perjodu tal-imsemmija kwotazzjoni se jintemm fis-27 ta' Mejju, 2016.

Is-Sindku ippropona li għandha nitolbu tliet sejħiet għall-imsemmi servizz. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.4 Tindif taċ-Ċentru Ċiviku

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-perjodu tal-kwotazzjoni ma' Natasha Mizzi dwar it-tindif taċ-Ċentru Ċiviku wasslet biex tintemm.

Is-Sindku ippropona li għandna nitolbu tliet sejħiet għall-imsemmi servizz. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

## 6.1 Basketball Court

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien alloka €7,000 għar-rinovazzjoni tal-Court tal-Basketball. Wara diskussjoni dwar kif għandu jiġu allokati dawn il-flus, sar qbil

mal-kumitat tal-Basketball li l-Kunsill jieħu ħsieb inaddaf il-post, isir xi tip ta' skavar u l-bqija biex jinxtara l-konkos. Ix-xogħiljiet waslu biex jintemmu. Il-ħaddiem tal-IPSL se jara li jożbogħ il-court.

Il-mira hi li l-court jiġi inawgurat fl-4 ta' Ġunju.

Is-Sindku ippropona li jsir *management agreement* bħalma kien sar mal-Club tal-Football. Dan diġa' ġie diskuss u sar qbil li kull sena, għal għaxar snin, il-Club jirċievi €1,000 għall-manteniment tal-istess court. Barra minn hekk, il-Kunsill se jkollu l-liberta' sħiħa li jużah. Se jitwaqqaf ukoll kumitat ta' amministrazzjoni tal-Court li se jkun magħmul minn żewġ rappreżentanti tal-Kumitat tal-Basketball kif ukoll is-Sindku u l-Kunsillier responsabbali mill-Isport, bil-presidenza tiegħu talterna kull sena bejn il-Kunsill u l-Kumitat tal-Basketball. Dan il-kumitat jiddeċiedi kif għandu jintuża l-court.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Talba mill-propretarji tal-PAPAS**

Il-proprjetarji tal-*Papas* kienu applikaw mal-awtoritajiet biex ipoġġu siġġijiet u imwejjed fuq il-bankina ta' quddiem in-negozju tagħhom. Il-Kunsill kien qabel fil-prinċipju u kien talabhom id-disinn. Kienu talbu li jagħmlu platform minħabba d-diżlivell tal-bankina. Is-Sindku qal li kien talabhom diversi kundizzjonijiet u issa ippreżentaw il-pjanta magħmula mill-Perit Robert Musumeci. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jirriżolvi favur dan l-arranġament hekk kif ippreżentat.

Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.3 Outdoor gym**

Is-Sindku qal li sar ammont ta' vandaliżmu fl-outdoor gym, b'mod partikoalri fis-sit allokat għat-tfal iż-żgħar u għalhekk ippropona li jiġi allokat sa massimu ta' €1,000 biex isiru mill-ġdid.

Il-kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod uannimu.

6.4 **Nalizperla Playround**

**Inawugrazzjoni**

Is-Sindku qal li l-pjan hu li l-inawgurazzjoni ssir il-Ħadd 12 ta' Ġunju.

**CCTVs**

Huwa qal ukoll li l-latrina hija kważi lesta. Rigward is-cctv cameras, se jsiru seba'. Minħabba li ma tistax toħroġ direct order, is-Simndku ippropona li ssir *variation* fil-kuntratt mal-JGC biex b'hekk dawn ikunu jistgħu jitwaħħlu mill-aktar fis possinbli;. L-ispiża se tkun ta' madwar €3,500.
Is-Sindku informa li kellha ssir variation oħra fuq l-ispirż tal-ħitan, massimu ta' madwar €2,000.

**Taħwil tas-siġar**
Issue oħra tirrigwarda s-siġar li jridu jitħawlu, minħabba li fil-kuntratt dawn ma kinux imniżżla. Hu stmat li hemm il-ħtieġa ta' madwar 10 siġriet lli jqumu madwar €200 kull waħda. Is-Sindku qal li se jipprova jsib sponsors fosthom Bonnici Brothers u l-GreenMt. Jekk ma jinstabux sponsors, is-Sindku ippropona li dawn jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

**Żamma tal-latrina**
Is-Sindku qal ukoll li hemm il-kwistjoni tal-upkeep u t-tindif tal-latrina. Huwa ippropona li tingħata temporanjament *direct order* ta' €1,164 lil Natasha Mizzi. Il-kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Żjara mill-Onor. Stefan Buontmepo u David Agius**
Is-Sindku qal li hemm ippjanat li fil-jiem li ġejjin issir iż-żjara mis-Segretarju Parlamentari l-onor. Stefan Buontempo u l-Onor. David Agius.
Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li wara l-ftuħ jitqassam *booklet* f'kull dar dwar il-proġett u dwar kif l-aħjar li jintuża, b'mod partikolari fejn tidħol is-sigurta' tat-tfal żgħar.

**6.5 Kalendarju tal-Attivitajiet tal-Festa**
Is-Sindku qal li hem mil-ħsieb li fil-gazzetta tal-Kunsill, ikun hemm suppliment bl-attivitajiet li jkun hemm kuljum fil-jiem tal-festa.

**6.6 Arranġamenti ġodda dwar id-depożiti tal-flus**
Is-Sindku qal li sa mill-bidu ta' dil-ġimgħa, il-BOV mhux qed jaċċetta aktar depositi ta' flus u allura dawn iridu jibdew jinġabru permezz tal-van tas-sigurta' għal ħlas ta' €17 kull darba. Normalment aħna nagħmlu żewġ depositi fil-ġimgħa. Is-Sindku issuġġerixxa li jsir safe fil-Kunsill.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fid-9.45 pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' It-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2016**